# DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tal-5 ta' Lulju 2013

## dwar miżuri temporanji fir-rigward tal-eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti bis-sħiħ mir-Repubblika ta' Ċipru

## *(BĊE/2013/22)*

(2013/388/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 3.1, l-Artikolu 12.1, l-Artikolu 18 u t-tieni inċiż tal-Artikolu 34.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Linja Gwida BĊE/2011/14 tal-20 ta' Settembru 2011 dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja tal-Eurosistema [1], u b'mod partikolari t-Taqsima 1.6 u t-Taqsimiet 6.3.1, 6.3.2 u 6.4.2 tal-Anness I tagħha,

Wara li kkunsidra l-Linja Gwida BĊE/2013/4 tal-20 ta' Marzu 2013 dwar miżuri temporanji addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral u li temenda l-Linja Gwida BĊE/2007/9 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) u l-Artikoli 5 u 7 tagħha,

Billi:

(1) Bis-saħħa tal-Artikolu 18.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (minn hawn 'il quddiem il-'BĊNi') jistgħu jmexxu operazzjonijiet ta' kreditu ma' istituzzjonijiet ta' kreditu u parteċipanti oħra fis-suq, bis-self ikun ibbażat fuq kollateral xieraq. Il-kriterji standard li jiddeterminaw l-eliġibbiltà tal-kollateral għall-finijiet tal-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema huma stipulati f'Anness I tal-Linja Gwida BĊE/2011/14.

(2) Bis-saħħa tat-Taqsima 1.6 tal-Anness I tal-Linja Gwida BĊE/2011/14, il-Kunsill Governattiv jista', f'kull ħin, jibdel l-istrumenti, il-kundizzjonijiet, il-kriterji u l-proċeduri għat-twettiq ta' operazzjonijiet ta' politika monetarja tal-Eurosistema. Bis-saħħa tat-Taqsima 6.3.1 tal-Anness I tal-Linja Gwida BĊE/2011/14, l-Eurosistema tirriżerva d-dritt li tiddetermina jekk ħruġ, emittent, debitur jew garanti jissodisfax il-ħtiġijiet tagħha għal standards għoljin fuq il-bażi ta' kull informazzjoni li hija tista' tqis relevanti.

(3) Id-Deċiżjoni BĊE/2013/13 tat-2 ta' Mejju 2013 dwar miżuri temporanji marbutin mal-eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti bis-sħiħ mir-Repubblika ta' Ċipru [3] issospendiet b'mod temporanju, bħala miżura ta' eċċezzjoni, il-ħtiġijiet minimi tal-Eurosistema għal limiti minimi ta' kwalità kreditizja applikabbli għal strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti bis-sħiħ mir-Repubblika ta' Ċipru. Wara li r-Repubblika ta' Ċipru varat eżerċizzju għall-ġestjoni tad-dejn li jinvolvi l-istrumenti ta' dejn negozjabbli, il-Kunsill Governattiv iddeċieda illi l-adegwatezza bħala kollateral għal operazzjonijiet ta' politika monetarja tal-Eursosistema ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti bis-sħiħ mir-Repubblika ta' Ċipru ġiet effettwata b'mod negattiv, u ddeċieda li jħassar id-Deċiżjoni BĊE/2013/13 fit-28 ta' Ġunju 2013 [4].

(4) Wara t-tmiem tal-eżerċizzju ta' ġestjoni tad-dejn u l-konferma li r-Repubblika ta' Ċipru qed tikkonforma mal-kundizzjonijiet tal-programm ta' aġġustament ekonomiku u finanzjarju applikabbli lilha, il-Kunsill Governattiv ivvaluta wkoll illi strumenti tad-dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti bis-sħiħ mir-Repubblika ta' Ċipru preżentement għandhom standard ta' kwalità suffiċjenti biex jiġġustifika l-eliġibbiltà tagħhom bħala kollateral għal operazzjonijet ta' politika monetarja tal-Eurosistema.

(5) Il-Kunsill Governattiv għalhekk iddeċieda illi l-eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti bis-sħiħ mir-Repubblika ta' Ċipru għal operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema għandha tiġi mradda lura, bla ħsara għall-applikazzjoni ta' telf impost speċifiku lil strumenti bħal dawn illi huwa differenti minn dak stipulat fit-Taqsima 6.4.2 tal-Anness I tal-Linja Gwida BĊE/2011/14.

(6) Skont l-Artikolu 7 tal-Linja Gwida BĊE/2013/4, il-limitu minimu tal-kwalità kreditizja tal-Eurosistema ma japplikax għal strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti bis-sħiħ mill-gvernijiet ċentrali ta' Stati Membri taż-żona tal-euro taħt programm tal-Unjoni Ewropea/Fond Monetarju Internazzjonali, sakemm il-Kunsill Governattiv ma jiddeċidix illi l-Istat Membru rispettiv ma jikkonformax mal-kundizzjonijiet tal-appoġġ finanzjarju u/jew tal-programm makroekonomiku. Madankollu, skont l-Artikolu 1(3) tal-istess Linja Gwida, għall-finijiet tal-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 7 tagħha, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika u l-Portugall biss huma meqjusa

(1) ĠU L 331, 14.12.2011, p. 1.
(2) ĠU L 95, 5.4.2013, p. 23.
(3) ĠU L 133, 17.5.2013, p. 26.
(4) Deċiżjoni tal-BĊE/2013/21 tat-28 ta' Ġunju 2013 li tħassar id-Deċiżjoni BĊE/2013/13 dwar miżuri temporanji marbutin mal-eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti bis-sħiħ mir-Repubblika ta' Ċipru (ĠU L 192, 13.7.2013, p. 75).

bħala Stati Membri taż-żona tal-euro konformi ma' programm tal-Unjoni Ewropea/Fond Monetarju Internazzjonali. Għaldaqstant, hija meħtieġa deċiżjoni addizzjonali tal-Kunsill Governattiv sabiex jiġi rrinunzjat il-limitu minimu tal-kwalità kreditizja tal-Eurosistema għal strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti bis-sħiħ mir-Repubblika ta' Ċipru.

(7) Din il-miżura t'eċċezzjoni ser tapplika b'mod temporanju sakemm il-Kunsill Governattiv iqis illi tista' terġa' tiddaħħal l-applikazzjoni normali tal-kriterji ta' eliġibbiltà tal-Eurosistema u tal-qafas għall-kontroll tar-riskju għal operazzjonijiet tal-politika monetarja,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Sospensjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Linja Gwida BĊE/2011/14 u l-eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti bis-sħiħ mir-Repubblika ta' Ċipru**

1. Il-ħtiġijiet minimi tal-Eurosistema għall-kwalità kreditizja, kif speċifikat fir-regoli tal-qafas tal-valutazzjoni tal-kreditu tal-Eurosistema għal ċerti assi negozjabbli fit-Taqsima 6.3.2 tal-Anness I tal-Linja Gwida BĊE/2011/14, għandhom jiġu sospiżi għal strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti bis-sħiħ mir-Repubblika ta' Ċipru. Għalhekk, għall-finijiet tal-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 7 tal-Linja Gwida BĊE/2013/4, ir-Repubblika ta' Ċipru għandha titqies bħala Stat Membru taż-żona tal-euro konformi ma' programm tal-Unjoni Ewropea/Fond Monetarju Internazzjonali.

2. Strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti bis-sħiħ mir-Repubblika ta' Ċipru huma suġġetti għat-telf impost speċifiku stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

3. F'każ ta' diskrepanza bejn din id-Deċiżjoni, il-Linja Gwida BĊE/2011/14 u l-Linja Gwida BĊE/2013/4, f'kull każ kif implimentata f'livell nazzjonali mill-BĊNi, din id-Deċiżjoni għandha tipprevali.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċizjoni tidħol fis-seħħ fil-5 ta' Lulju 2013.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-5 ta' Lulju 2013.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

*ANNESS*

**Skeda ta’ telf impost applikabbli għal strumenti ta’ dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti bis-sħiħ mir-Repubblika ta’ Ċipru**

| | Medda ta’ maturità | Telf impost għal kupuni fissi u varjabbli | Telf impost għal kupun żero |
|---|---|---|---|
| Bonds tal-Gvern | 0-1 | 14,5 | 14,5 |
| | 1-3 | 27,5 | 29,5 |
| | 3-5 | 37,5 | 40,0 |
| | 5-7 | 41,0 | 45,0 |
| | 7-10 | 47,5 | 52,5 |
| | > 10 | 57,0 | 71,0 |
| Bonds tal-bank iggarantiti mill-Gvern u bonds ta’ korporazzjonijiet mhux finanzjarji iggarantiti mill-gvern | Medda ta’ maturità | Telf impost għal kupuni fissi u varjabbli | Telf impost għal kupun żero |
| | 0-1 | 23,0 | 23,0 |
| | 1-3 | 37,0 | 39,0 |
| | 3-5 | 47,5 | 50,5 |
| | 5-7 | 51,5 | 55,5 |
| | 7-10 | 58,0 | 63,0 |
| | > 10 | 68,0 | 81,5 |